# MALTA MISSJUNARJA – ID-19-IL PARTI

## Inkomplu naqraw mill-imgħoddi



Santa ta' San Papa Ġwanni XXIII (1881-1963)

*Tlifna 'l-Papa Giovanni XXIII* (Sena XXXI, Lul. 1963, nru.7, p.145) huwa l-isem tal-editorjal ta' Mons. Ant. Cilia (Direttur Nazzjonali). Fih iħabbar il-mewt tal-Papa, li ġrat nhar it-3 ta' Ġunju, 1963, xi ħaġa li l-editur ma setax jemmen peress li ftit aktar minn ħmistax qabel kellu udjenza miegħu fil-Palazz tal-Vatikan flimkien ma' Diretturi Nazzjonali tal-OMP oħrajn, fejn ġie ttrattat *"b'dik il-ħlewwa kbira tiegħu tas-soltu"*. Skontu, waqt din l-udjenza, ma kienx deherlu li *"il-Papa kien jinsab marid hekk gravi u hekk qrib tal-mewt"*. Mhux biss, iżda tant baqa' impressjonat tajjeb bih f'dik l-udjenza li kien pront kiteb l-artiklu *Għand il-Papa* (Sena XXXI, Lul. 1963, nru.7, pp.147-9) li deher fl-istess għadd tal-perjodiku malli wasal lura lejn Malta. B'diqa, l-editorjal ikompli jgħidilna li ma' mewt il-Papa *"spiċċat dik l-enerġija kbira, dik il-ħlewwa profonda tiegħu li biha seraq il-qalb tad-dinja kollha"*. U kien *"bir-raġun li talbu għalih u bkewh mhux biss il-Kattoliċi, iżda nies ta' kull reliġjon"*. Huwa jkompli jgħarrafna li: *"Fil-pontifikat qasir tiegħu, Papa Giovanni XXIII ħadem għall-ġid tal-Knisja u tad-dinja kollha bħallikieku għex għal bosta u bosta snin"*, fejn l-Enċiklika *Mater et Magistra* u *Pacem in terris* u l-Konċilju tal-Vatikan II huma monument kbir biżżejjed għalih. Skontu, il-Papa kellu wkoll imħabba speċjali għall-missjoni, xi ħaġa li semmieha waqt l-agonija tiegħu, u li għaldaqstant nistgħu 'nsejħulu Papa Missjunarju. U għad li miet, l-opra u l-ispirtu tiegħu ma jmutux.




Il-Qoxra tal-ktieb 'Fior di Loto' ta' Celestino Testore S.J.

**Fior di Loto**: Fl-Enċiklopedija tan-Naxxar (suppliment, ittra 'X') ta' DAX insibu t-tagħrif li ġej: '*Fior di Loto – Rakkont Indjan taż-żmenijiet ta' Akbar il-Hieni* (Stampar[1]: Giov. Muscat & Co. Ltd., 1963) fi 13-il kapitlu: *Fior di Loto* huwa rumanz ta' P. Celestino Testore S.J. Ġrajja Indjana. Inqaleb bil-Malti minn DAX. Fil-'Berqa', Ġużè Diacono (1912-2002) – kittieb ta' novelli u drammaturgu – fir-riċensjoni

[1] L-istampar sar bi spejjeż ta' OMP.


L-Imperatur Mogul, Akbar il-Hieni, li fi żmienu seħħet il-ġrajja ta' Fior di Loto

tiegħu jikkummenta biss li t-traduzzjoni ta' DAX hija tajba.' Fil-ħarġa ta' Mejju 1963, p.111, deher l-ewwel riklam ċkejken tiegħu. F'Lulju dehru tnejn oħrajn: '*Fior di Loto* / Rumanz ġdid għalikom / Ġrajja ta' żagħżugħ Indjan li miet biex isalva 'l missieru' (p.149), u l-ieħor: 'Dalwaqt joħroġ / *Fior di Loto* / L-ikbar rakkont li qatt deher s'issa fis-sensiela tar-rumanzi missjunarji tagħna. / Rakkont ta' kull familja, / rakkont kbir / rakkont li jbikki, / rakkont li jgħallem' (p.162). Il-ktejjeb ħareġ għall-bejgħ f'Awwissu: 'Issa ħareġ kollu stampi / *Fior di Loto* / L-isbaħ rumanz missjunarju li qatt ħareġ s'issa / ixtruh / jinbiegħ 1/6d / ixtruh' (p.213). F'Ottubru mbagħad, li fih tiġi ċċelebrata l-Ġurnata Missjunarja, li f'dik is-sena ħabtet proprju fl-20 tax-xahar, fil-paġni tan-nofs insibu riklam mimli stampi ddisinjati minn ċertu L. Edel: '*Fior di Loto* / Rumanz li jgħallem / Rumanz li jbikki / Rumanz kbir / Tal-magħruf Patri Ġiżwita Celestino Testore. / Miġjub fil-Malti minn Dun Anton Xiberras. / Imżejjen b'għadd kbir ta' stampi. / Disinji ta' Edel. / Jinbiegħ 1/6d biss. / Bil-posta 1/7d f'bolli ġodda' (p.228), u fl-oħra: 'Qis ukoll li taqra ħafna fuq il-missjoni: "Malta Missjunarja" ta' kull xahar, u / Ir-Rumanz il-ġdid li għadu kif ħareġ / FIOR DI LOTO' (p.229). Ir-riklami baqgħu jidhru anki wara: 'Fior di Loto / l-isbaħ rumanz missjunarju li qatt deher s'issa bil-Malti, kollu stampi, iżommok sospiż sal-aħħar, jinbiegħ 1/6d' (Nov., p.258), u ieħor f'Diċ., p.285: '*Fior di Loto* / L-aħħar u l-isbaħ rumanz missjunarju li ħareġ f'Malta. Ħafna u ħafna diġà xtrawh. Kulħadd għoġbu ħafna. Fittex ibgħat ixtrih inti wkoll. / Prezz 1/6d. Bil-posta 1/7d.' Jidher li r-rumanz għamel suċċess kbir tant li baqa' jiġi riklamat għal ħafna snin.

L-awtur oriġinali ta' *Fior di Loto*, stampat għall-ewwel darba f'Venezja fl-1899 mill-editur Venezjan *Industrie Grafiche Sorteni*, huwa Celestino Testore, imwieled nhar it-18 ta' Jannar 1886 fil-belt ta' Biella, fit-tramuntana tal-Italja. Fl-1903 daħal novizz mal-Ġiżwiti f'Avigliana,



*'Qum!...jiena nagħtik il-ħajja ta' missierek. Mur'*

| *Fior di Loto – Rakkont Indjan taż-żmenijiet ta' Akbar il-Hieni* (1963) | | | |
|---|---|---|---|
| Kap. | Titlu | Kap. | Titlu |
| 01 | Messaġġ li ngħoġob | 08 | Sanguis Martyrum[2] |
| 02 | Fil-Palazz tal-Kbir Mogul | 09 | Kundanna għall-Mewt |
| 03 | Sħab | 10 | Diffikultà |
| 04 | Il-Belt Imqaddsa | 11 | Sogru |
| 05 | Waħdu! | 12 | Għeluq il-Ġrajja |
| 06 | Ktajjen u Ħelsien | 13 | Dawl |
| 07 | Nisrani | | |

raħal fl-istess reġjun ta' Piemonte. Wara li ġie ordnat presbiteru f'Novara lejlet il-Milied tal-1916, beda minnufih bil-ħidma pastorali tiegħu f'għadd t'istituti Ġiżwitiċi. Testore jibqa' magħruf l-aktar għall-ħafna rumanzi missjunarji sbieħ li kiteb, fosthom *La Vendetta dello Schiavo*; *La Zanna della Tigre*; *L'Incendio della Prigione; L'Inganno del Maoro*; *Il Tradimento del Bonzo*; *L'Oro del Kondike*; *Il Narcotico del Fachiro*; *Il Segreto di Karkus* u *Il Grido degli Hau! Hau!* Huwa miet fil-belt ta' Cuneo fit-8 ta' Novembru 1973.

F'p.118 tal-ktejjeb bil-Malti nsibu li DAX temm it-traduzzjoni tiegħu f'Diċembru 1962 f'daru f'San Ġiljan. M'għandniex xi ngħidu li x-xogħol ddedikah 'Lill-Ill.mu u Rev.mu Sinjur / Monsinjur Antonio Cilia Bl.Can., D.D, / Direttur Nazzjonali / L-iżjed ħabrieki u qalbieni / Tal-Opri Missjunarji Pontifiċji f'Malta' (p.4). L-awtur xtaq jiżżi ħajr ukoll lill-*Editrice Missioni* ta' Venezja għall-permess li ngħatalu biex saret din it-traduzzjoni u għal għajnuniet oħra. Min-naħa tiegħu, fil-kelmtejn qabel (p.3), datat 15 ta' Marzu 1963, Mons. Antonio Cilia jistqarr li "ftit ħafna huma l-kotba missjunarji li s'issa ġew stampati bl-ilsien Malti u għalhekk ftit ħafna jsibu x'jaqraw fuq ħaġa li tant nafu li hija għal qalb il-Maltin, il-missjoni." Huwa jinsab konvint li r-rakkont *Fior di Loto*, storja l-iżjed kommoventi tal-missjoni fl-Indja, se *"jingħoġob ħafna u jservi biex jixgħel dejjem iktar fil-qlub tal-Maltin u l-Għawdxin il-fjamma tal-imħabba lejn il-missjoni."* Skont il-Werrej (p.2), ir-rakkont huwa mqassam kif ġej:

Il-ġrajja mqanqla ta' *Fior di Loto* sseħħ fis-seklu XVI fi żmien meta l-Beatu Rodolfo Acquaviva (1550-83) kien jippriedka l-fidi Nisranija fil-peninsula ta' Goa, stat fil-Punent tal-Indja li jmiss mal-kosta tal-Baħar Għarbi, fejn miet martri flimkien ma' erba' konfratelli oħrajn fuq il-gżejjer Salsete. Mill-banda l-oħra, *Fior di Loto* huwa l-isem ta' ġuvnott erojku Indjan, paġġ[3] fil-qorti



Il-kopertina tal-ktejjeb bil-Malti

[2] Demm il-martri.

[3] Żagħżugħ pulit liebes bħala qaddej uffiċjali li jieħu ħsieb il-ħtiġiet u jagħti s-servizz tiegħu, f'dan il-każ, lill-Imperatur. Illum il-ġurnata, il-kelma 'paġġ' tirreferi għal dak it-tifel li jżomm il-kuda lill-għarusa jew l-ingwanti lil xi dinjitarju.



Pittura li turi lil Dun Ridolfu (liebes l-isfar) jiddiskuti mal-Imperatur Mogul, Akbar il-Hieni.

tal-Imperatur Mogul, Akbar il-Hieni. Huwa kien iħaddan il-fidi tagħna u mhux l-ewwel darba li ssogra ħajtu għaliha, tant li spiċċa ssagrifikaha biex salva ħajjet missieru pagan. Hekk mela, frott is-sagrifiċċju erojku ta' *Fior di Loto* u l-konverżjoni tiegħu, xi ħaġa li marret kontra r-rieda tas-sultan, tant li kien jistħoqqilha l-kundanna kapitali; missieru ma kienx jeħlisha ħafif li kieku ibnu stess ma ħelishilux.

Sibna wkoll artiklu tas-Saċ. Jos. Grech-Cremona, B.A., Liċ.D. bl-isem ta' *Il-BB. Ridolfu Aquaviva u Sħabu S.J. – Missjunarji u martri f'Kuntolim* (XXXV, Ġunju 1967, nru.6, p.128). Minnu nisiltu t-tagħrif li ġej: Ta' 18-il sena huwa daħal fil-Kumpanija ta' Ġesù. Ordna saċerdot f'Lisbona u ntbagħat missjunarju f'Goa. Fl-1579, il-Mogul Akbar talab li jintbagħtu missjunarji fil-Fatehpur Sikri qrib Agra, b'Patri Ridolfu jkun wieħed mill-mibgħutin. Għal erba' snin ħadem bla tarf biex jikkonverti lil Akbar u l-poplu tiegħu, imma ma rnexxilux. Minn Fatehpur



Ridolfu Aquaviva u Sħabu S.J. – Missjunarji u martri f'Kuntolim.

mar Salsette qrib Bombay, fejn ingħaqad ma' tliet saċerdoti Ġiżwiti oħrajn: Alfonso Pacheco, Pietru Berno u Antonio Francisco, kif ukoll mal-fratell Franġisk Aranha, li kien ilu 23 sena l-Indja u kien l-arkitett tal-missjoni. L-erba' missjunarji nqatlu mill-forzi armati tal-Indjani waqt li kienu f'Orlim biex jibnu Knisja, filwaqt li l-ajk inqatel l-għada wara li rabtuh ma' siġra u sparawlu l-vleġeġ. Fl-istess żmien inqatlu 14-il Nisrani Indjan. L-Arċisqof Menezes ta' Goa fetaħ il-kawża tal-beatifikazzjoni tal-ħames missjunarji fl-1600. Fl-1741 dawn ingħaddew mal-bqija tal-martri mill-Papa Benedittu XIV (1675-1758) u ġew beatifikati mill-Papa Leone XIII (1810-1903) fl-1893. Mill-banda l-oħra, Abu'l-Fath Jalal-ud-din Muhammad Akbar, popolarment magħruf bħala Akbar il-Hieni (1542-1605) kien it-tielet imperatur Mogul li saltan bejn l-1556 u l-1605. Huwa laħaq wara missieru, Humayan (1508-56), imma peress li kien għadu żgħir fl-età, kien megħjun minn Bairam Khan (1501-61) bħala reġġent li mexxa temporanjament is-saltna fin-nuqqas ta' imperatur u għenu jwessa' u jsaħħaħ d-dominji Mogul fl-Indja. ■